MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2181/2004

**Carmel Grech (ID 906048M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefra Daniela Grech (ID 600481M)**

**Vs**

**Joseph Fava (ID 230682M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u disghin lira Maltin (Lm390) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li jaccetta r-responsabbilta' ta' l-incident. Illi d-danni huma kkontestati stante li t-talba hija esagerata.

Ra x-xhieda ta' Carmel Grech li jghid li sar *survey* fuq il-vettura ta' l-attrici mill-assigurazzjoni. Jghid li l-ammont mitlub fl-Avviz hu inqas mill-proprja ammont rapprezentanti danni billi ghad irid isir l-*alignment* tar-roti.

Ra x-xhieda ta' John Borg Bellanti li jikkonferma s-*survey* li ghamel. In kontro-ezami, fir-rigward ta' l-ammont ta' tlett mija u disghin lira Maltin (Lm390) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici, jikkalkula li l-*panel beating* jammonta ghal disghin lira Maltin (Lm90), sebghin lira Maltin (Lm70) *spray painting*, hmistax-il lira Maltin (Lm15) *mechanical repairs* u ghaxar liri Maltin (Lm10) VAT. Jghid illi l-istima tieghu tal-*parts* dakinhar li ra l-vettura hija ta' mitejn u hames liri Maltin (Lm205). Jiddikjara li l-*valuation guide* jaghti valur tal-karozza fl-2005, waqt li hu evalwa l-karozza fl-2003. Barra minn hekk, dan id-dokument jindika l-valur ta' Maruti li harget fl-1990, liema dokument jistma l-istess karozza ghal erba' mitt lira Maltin (Lm400).

Ra x-xhieda ta' Joseph Fava li jghid li rcieva telefonata minghand l-attrici fejn qalet li spejjez m'hemmx u mhux ser tikklejmja ghaliex hu m'huwiex kopert u talbet minghandu l-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100). Hu cahad it-talba taghha ghaliex ma kkaguna l-ebda danni. Jiddikjara illi wara rcieva ittra ta' interpellazzjoni minghand l-avukati ta' Fenech & Fenech sabiex ihallas l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150). In kontro-ezami jikkonferma illi qatt ma kien hemm ftehim ghall-ammont ta' danni ghax hu dejjem insista illi ma kellu l-ebda tort.
In ri-ezami, jikkonferma illi l-mudell tal-Maruti hija ta' qabel l-1990.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-vettura Maruti giet irregistrata fl-1989 u s-sena ta' manifattura hija 1988.

Ra li t-talba attrici giet ridotta ghal tlett mija u hamsin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm350.16c).

Illi bhala rcevuti gew esebiti:

**Panel Beating u Spray - Lm218.30c**
**Parts - Lm121.86c**
**Wheel Alignment - Lm10**

Illi jaghtu total ta' tlett mija u hamsin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm350.16c).

Illi skond id-dokumenti esebiti Maruti b'sena ta' manifattura 1990 tiswa' erba' mitt lira Maltin (Lm400). Illi l-Maruti in kwistjoni kellha sena ta' manifattura 1988.

Illi dan it-Tribunal ma jaccettax l-argument li la l-vettura kienet tiswa' inqas minn tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) l-attrici ma kellhiex dritt titlob dan l-ammont mill-konvenut. Illi skond is-*survey*, l-istima tad-danni kienet ta' mitejn u hames liri Maltin (Lm205). Illi bhala fatt l-ispejjez kienu izjed. Is-Surveyor ta stima ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160) ghall-*panel beating* u *spray* meta l-kont hareg fl-ammont ta' mitejn u tmintax-il lira Maltin u tletin centezmu (Lm218.30c). Illi s-Surveyor ma kienx wasal ghall-konkluzjoni li l-vettura kienet *beyond economical repair*. Illi dan it-Tribunal ma jara li m'hemm xejn mhux ragunevoli fil-kontijiet. It-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita mill-ircevuti esebiti.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm350.16c). Illi billi t-talba originali kienet izjed meta gie pprezentat l-Avviz l-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal 5/6 mill-konvenut u 1/6 mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------